



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Dokument ta' sessjoni

A8-0205/2015

22.6.2015

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjegi
(COM(2015)0098 – C8-0075/2015 – 2015/0051(NLE))

Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Laura Agea

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	33

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi
(COM(2015)0098 – C8-0075/2015 – 2015/0051(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2015)0098),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 148(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0075/2015),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0205/2015),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jaħdmu sabiex tinħoloq strateġija koordinata għall-impjiegi ***b'mod partikolari*** biex issir promozzjoni għal forza tax-xogħol kwalifikata, ***imħarrġa u***

Emenda

(1) L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jaħdmu sabiex tinħoloq strateġija ***effikaċi u*** koordinata għall-impjiegi, ***imfassla biex tikkumbatti l-effetti serji tal-qgħad***, biex issir promozzjoni għal forza tax-xogħol

flessibbli u *suq* tax-xogħol li *jadatta* għat-tibdil ekonomiku, *u* sabiex jintlaħqu l-għanijiet kollha tal-impjiegi u l-progress soċjali li jstabilixxi l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Wara li jkunu kkunsidraw il-prattiċi nazzjonali relatati mar-responsabbiltajiet tal-ġestjoni u x-xogħol, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-promozzjoni tal-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f'dan ir-rigward fi ħdan il-Kunsill.

kwalifikata *u mħarrġa* u *swieq* tax-xogħol li *jadattaw* għat-tibdil ekonomiku, *soċjali u ambjentali, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tat-taħriġ fis-setturi tax-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerinerija u l-matematika u permezz tal-adattament tas-sistemi edukattivi*, sabiex jintlaħqu l-għanijiet kollha tal-impjiegi u l-progress soċjali li jstabilixxi l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Għandhom isiru sforzi partikolari biex jiżiedu l-impjiegi ta' ħaddiema b'livelli baxxi ħafna ta' skola jew ta' ħiliet, jew dawk li mhum iex kapaċi jiksbu taħriġ jew ħiliet f'qasir żmien, u biex jitnaqqas il-qgħad li dejjem jiżdied u fuq skala kbira, b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni li għadhom lura. Wara li jkunu kkunsidraw il-prattiċi nazzjonali relatati mar-responsabbiltajiet tal-ġestjoni u x-xogħol, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-promozzjoni tal-impjiegi bħala *prijorità u kwistjoni ta' interess komuni u għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f'dan ir-rigward fi ħdan il-Kunsill. L-Unjoni għandha takkumpanja dawk l-isforzi bi proposti ta' politika biex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattati u jiġi żgurati suq tax-xogħol integrat inklużiv kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fl-Unjoni kollha, inklużi pagi adegwati, li jistgħu jinkisbu permezz tan-negozjar kollettiv.*

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Skont il-kalkoli tal-Eurostat, f'Jannar 2015 fl-Unjoni kien hemm 23 815 000 persuna qiegħda, 18 059 000 minnhom fiż-żona tal-euro.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Issa huwa fundamentali li jiġu stabbiliti indikaturi affidabbli dwar il-kundizzjoni ta' faqar estrem li jinsabu fiha bosta ċittadini tal-Unjoni, fil-kuntest ta' ċifri preċedenti inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE^{1a} li identifika il-bżonn li mill-anqas 20 miljun persuna jinħarġu mir-riskju ta' faqar u esklużjoni.

^{1a} *Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46).*

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) L-Unjoni trid titħabat kontra l-esklużjoni soċjali u ***d-diskriminazzjoni***, tiżgura aċċess ugwali għad-drittijiet fundamentali u sseddaq il-ġustizzja u l-ħarsien soċjali. Waqt li tkun qed tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti marbuta mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, ***it-taħbit*** kontra l-esklużjoni soċjali u livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ.

(2) L-Unjoni trid titħabat kontra l-esklużjoni soċjali, ***kull forma ta' faqar u diskriminazzjoni***, tiżgura aċċess ugwali għad-drittijiet fundamentali u sseddaq il-ġustizzja u l-ħarsien soċjali. ***Dan l-objettiv globali m'għandux jitqiegħed f'periklu mill-effetti kollaterali ta' leġiżlazzjoni jew politiki oħra.*** Waqt li tkun qed tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti marbuta mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, ***il-ġlieda*** kontra l-esklużjoni soċjali, u livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Il-linji gwida **għall-impjiegi** huma konsistenti mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi.

Emenda

(3) Il-linji gwida **dwar l-impjiegi** huma konsistenti mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi, **li ma jistgħux ikunu limitati għall-ilħuq tal-parametri referenzjarji ta' natura fiskali u monetarja.**

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) L-Istati Membri għandhom iqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom bħala kwistjoni ta' interess komuni u jikkoordinawhom fi ħdan il-Kunsill. Il-linji gwida **għall-impjiegi** u l-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika għandu jadottahom il-Kunsill biex jiggwida l-politiki tal-Istati Membri.

Emenda

(4) L-Istati Membri għandhom iqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom, **flimkien mal-politiki soċjali tagħhom**, bħala kwistjoni ta' interess komuni u jikkoordinawhom fi ħdan il-Kunsill. Il-linji gwida **dwar l-impjiegi** u l-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika għandu jadottahom il-Kunsill biex jiggwida l-politiki tal-Istati Membri.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet aktar demokratiku dwar il-linji gwida integrati, li jaffettwaw liċ-ċittadini u lis-swieq tax-xogħol madwar l-

Unjoni, huwa importanti li kemm il-linji gwida dwar l-impjiegi kif ukoll il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi jiġu deċiżi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Il-linji gwida integrati għandhom jippermettu lill-Istati Membri jadottaw mudelli ekonomiċi sostenibbli u integrati fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u lokali.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) *Skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat*, l-Unjoni *Ewropea* żviluppat u implimentat strumenti ta' koordinazzjoni tal-politika għall-politika fiskali u *politiki* makrostrutturali. Is-Semestru Ewropew jiġbor flimkien strumenti differenti f'qafas ġenerali għal sorveljanza ekonomika u baġitarja multilaterali integrata. Permezz ta' simplifikazzjoni u tisħiħ tas-Semestru Ewropew kif jistipula l-Istħarriġ Annwali 2015 tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir, *se* jkompli jitjeb l-operat tiegħu.

Emenda

(5) *B'konformità mat-Trattat*, l-Unjoni żviluppat u implimentat strumenti ta' koordinazzjoni tal-politika għall-politika fiskali u *l-politiki* makrostrutturali *li għandhom impatt qawwi fuq is-sitwazzjoni soċjali u tal-impjiegi fl-Unjoni. Dawk il-politiki jistgħu jirriżultaw f'xejra ta' staġnar u deflazzjoni f'xi partijiet tal-Unjoni, li jistgħu jiskoraġġixxu t-tkabbir u l-impjiegi. F'dan ir-rigward hu essenzjali li jitqiesu l-indikaturi soċjali l-ġodda u x-xokkijiet assimetriċi li ċerti Stati Membri għaddew minnhom minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika.* Is-Semestru Ewropew jiġbor flimkien strumenti differenti f'qafas ġenerali għal sorveljanza multilaterali integrata *tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, soċjali u tal-impjiegi, u għandu jkun aktar immirat lejn it-tweqqif tal-miri tal-UE2020.* Permezz ta' simplifikazzjoni u tisħiħ tas-Semestru Ewropew, kif jistipula l-Istħarriġ Annwali 2015 tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir, *jista'* jkompli jitjeb l-operat tiegħu, *iżda dan l-istrument għadu ma tejjibx is-sitwazzjoni ekonomika fl-Istati Membri li ntaqtu l-aġar mill-kriżi.*

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Skont l-Osservatorju Soċjali Ewropew, 26 Stat Membru diġà għandhom skemi ta' appoġġ għall-introjt u protezzjoni soċjali.^{1a} Il-Kummissarju għall-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali, il-Filiet u l-Mobilità tal-Ħaddiema, Marianne Thyssen, qalet li "kieku [setgħet tiddeċiedi] x'jiġri fl-Istati Membri kollha, kieku jkun hemm introjtu minimu fil-pajjiżi kollha Ewropej".

^{1a} <http://www.eesc.europa.eu/resources/docs/revenu-minimum-etude-ose-yfinale-en--2.pdf>

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) Ma teżistix kompetenza regolatorja fil-livell tal-Unjoni għall-ħolqien ta' qafas regolatorju għal paga minima tal-Unjoni.

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Il-kriżi finanzjarja u ekonomika wriet u enfasizzat dgħufijiet **importanti fl-**

(6) Il-kriżi finanzjarja u ekonomika wriet u enfasizzat dgħufijiet **serji fl-ekonomiji tal-**

ekonomija tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Il-kriżi ħarġet fid-dieher ukoll l-interdipendenza mill-qrib tal-ekonomiji tal-Istati Membri u s-swieq tal-impjegi. Issa fi żmienna għandna l-isfida l-kbira li l-Unjoni toħloq tkabbir u impjegi sodi, sostenibbli u inklużivi. Għal dan il-għan hemm bżonn azzjoni politika **kkoordinata u** ambizzjuża, kemm fil-livell tal-UE u kif ukoll fil-livell nazzjonali, li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-governanza ekonomika tal-Unjoni. Billi jwaħħdu miżuri min-naħa tal-provvista u min-naħa tad-domanda, dawn l-azzjonijiet għandhom jagħtu spinta lill-investment, **iġeddu l-impenn għal riformi strutturali u jħaddmu r-responsabbiltà fiskali.**

Istati Membri u fil-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-Unjoni. Il-kriżi ħarġet fid-dieher ukoll l-interdipendenza mill-qrib tal-ekonomiji tal-Istati Membri u s-swieq tal-impjegi. Issa fi żmienna għandna l-isfida l-kbira li l-Unjoni toħloq tkabbir u impjegi sodi, sostenibbli u inklużivi, **li jinvolti l-kontroll tal-livell għoli ta' qgħad li mmaterjalizza f'ċerti partijiet tat-territorju tagħha.** Għal dan il-għan hemm bżonn azzjoni politika **soda,** koordinata, ambizzjuża **u fuq kollox effikaċi,** kemm fil-livell tal-UE u kif ukoll fil-livell nazzjonali, li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-governanza ekonomika tal-Unjoni. Billi jwaħħdu miżuri min-naħa tal-provvista u min-naħa tad-domanda, dawn l-azzjonijiet għandhom jagħtu spinta lill-investment, **speċjalment l-investment immirat għall-iżvilupp tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME), il-mikrointrapriżi, in-negozji innovattivi ġodda u l-impriżi li jippromwovu l-impjegi ekoloġiċi.** Dawn l-azzjonijiet għandhom jinkludu wkoll il-ħolqien ta' **suq tax-xogħol aktar inklużiv ibbażat fuq id-drittijiet, flimkien ma' protezzjoni soċjali adegwata.** Għandhom jinkludu wkoll miżuri ta' **protezzjoni soċjali, bħal introjtu minimu garantit, li jiġi introdott b'konformità mal-prattiki nazzjonali, bil-għan li jiġu miġġielda l-faqar estrem u l-esklużjoni soċjali.**

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jindirizzaw ukoll l-impatt soċjali tal-kriżi u jimmiraw li jsawru soċjetà **ta' koeżjoni** fejn iċ-ċittadini jkollhom is-setgħa li jantiċipaw u jamministraw il-bidla, u li jkunu jistgħu

Emenda

(7) L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jindirizzaw ukoll l-impatt soċjali tal-kriżi, **billi jipprovdu ċifri aktar affidabbli dwar il-faqar estrem,** u jimmiraw li jsawru soċjetà **inklużiva u aktar ġusta** fejn iċ-

jieħdu sehem b'mod attiv fis-soċjetà u l-ekonomija. Irid ikun żgurat aċċess u opportunitajiet għal kulħadd filwaqt li jonqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-aktar billi jkun żgurat funzjonament *effettiv* tas-swieq tax-xogħol u *s-sistemi* tas-sigurtà soċjali u jitneħħew l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-ġid tat-tkabbir ekonomiku jitqassam fost iċ-ċittadini kollha u *r-reġjuni* kollha.

ċittadini jkollhom is-setgħa li jantiċipaw u jamministraw il-bidla, u li jkunu jistgħu jieħdu sehem b'mod attiv fis-soċjetà u l-ekonomija. Irid ikun żgurat aċċess *nondiskriminatorju* u opportunitajiet għal kulħadd filwaqt li jonqsu *b'mod sostanzjali* l-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-aktar billi jkun żgurat funzjonament *effikaċi* tas-swieq tax-xogħol u *sistemi* tas-sigurtà soċjali *adegwati* u jitneħħew *l-ostakli amministrattivi bla bżonn* u l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, *b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lill-persuni b'diżabilità*. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-ġid tat-tkabbir ekonomiku jitqassam fost iċ-ċittadini kollha u *l-entitajiet lokali u reġjonali* kollha. *It-tabella ta' valutazzjoni bl-indikaturi ewlenin dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali li tinsab fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi hija strument partikolarment utli f'dan ir-rigward billi tgħin biex jiġu individwati f'waqthom il-problemi u d-diverġenzi ewlenin fl-impjiegi u fil-qasam soċjali u jiġu identifikati l-oqsma li l-aktar jeħtieġu rispons politiku. Madankollu, edizzjonijiet oħrajn tat-tabella ta' valutazzjoni għandhom jinkludu wkoll data diżaggregata skont is-sessi.*

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri identifikat tliet riskji għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ: l-adeqwatezza ekonomika tal-finanzjament globali, id-definizzjoni ta' "offerta ta' kwalità tajba" u l-mod kif il-Kummissjoni timmonitorja

u tirrapporta dwar ir-riżultati tal-iskema.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7b) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE stabbiliet l-objettivi li ġejjin: li r-rata ta' impjieg għan-nisa u l-irġiel ta' bejn l-20 u l-64 tiżdied għal 75 % sal- 2020; li r-rati ta' tluq bikri mill-iskola jitnaqqsu għal inqas minn 10 %; li s-sehem ta' dawk ta' bejn it-30 u l-34 sena li jkunu temmew l- edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti jiżdied għal mill-inqas 40 %. u li tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-faqar, bil-għan li mill-inqas 20 miljun persuna jinħarġu mir-riskju ta' faqar u esklużjoni. It-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020 fil-qasam tal-impjegi u dak soċjali jibqa' objettiv ċentrali tal-politika tal-impjegi tal-Istati Membri.

^{1a} Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjegi (ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46).

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) Azzjoni konformi mal-linji gwida tkun kontribut importanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020. Il-linji gwida huma ġabra integrata ta' politiki

(8) Azzjoni konformi mal-linji gwida tkun kontribut importanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020, **għanijiet li għadhom ma ntlaħqux anke**

Ewropej u nazzjonali li l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jimplementaw ħalli r-riformi **strutturali** kkoordinati jħallu effetti kollaterali pożittivi, issir taħlita tajba tal-politiki ekonomiċi ġenerali, u biex il-politiki Ewropej jagħtu kontribut aktar konsistenti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020.

minħabba l-fatt li ngħatat ftit kunsiderazzjoni lill-impatt tal-kriżi finanzjarja u ekonomika fuq l-impjiegi u l-esklużjoni soċjali. L-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika tal-2014 dwar l-istrateġija Ewropa 2020 wera biċ-ċar kif il-miri dwar l-impjiegi, il-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-edukazzjoni tal-istrateġija għadhom rilevanti ħafna, u huma lkoll importanti u interdipendenti ndaqs u jsaħħu lil xulxin. Il-linji gwida huma ġabra integrata ta' politiki Ewropej u nazzjonali li l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jimplementaw ħalli r-riformi kkoordinati ***mmirati lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanza u ż-żieda fil-benesseri taċ-ċittadini*** jħallu effetti kollaterali pożittivi, issir taħlita tajba tal-politiki ekonomiċi ġenerali, u biex il-politiki Ewropej jagħtu kontribut aktar konsistenti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Għalkemm dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-Istati Membri u lill-Unjoni, dawn għandhom ***jittwettqu*** bi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, ***biex jittqarrbu l-parlamenti***, u kif ukoll mas-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Emenda

(9) ***Fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw governanza effikaċi.*** Għalkemm dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-Istati Membri u lill-Unjoni, dawn għandhom ***jiġu implimentati, monitorjati u evalwati*** bi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, ***mal-parlamenti***, u kif ukoll mas-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi jiggwidaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riformi, u ***jixhdu l-interdipendenza. Dawn huma konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dawn il-linji gwida*** għandhom isawru l-bażi għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li l-Kunsill jaf jagħti lill-Istati Membri,

Emenda

(10) Il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi ***u l-linji gwida dwar l-impjiegi*** jiggwidaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riformi u għandhom isawru l-bażi għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li l-Kunsill jaf jagħti lill-Istati Membri, ***Minħabba l-interdipendenza mill-qrib tal-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri, fl-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi l-Kunsill għandu jikkunsidra s-sitwazzjoni tal-pajjiżi ġirien kif ukoll tal-pajjiżi li l-Istat Membru rispettiv għandu rabtiet çari magħhom abbażi ta' tendenza fil-migrazzjoni tal-ħaddiema jew kwalunkwe indikatur rilevanti ieħor. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandu jkollha statistika preċiża u aġġornata u data disponibbli f'każ li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jeħtieġ jiġu aġġustati.***

Emenda 18

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 5 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-ħolqien tal-impjiegi, inaqqsu l-ostakli lin-negozji biex iħaddmu, jippromwovu l-intraprenditorija, u b'mod partikolari ***għandhom*** jappoġġjaw il-ħolqien u t-tkabbir ta' intrapriżi żgħar ħalli tiżdied ir-rata tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jippromwovu ***wkoll*** b'mod attiv l-ekonomija soċjali u jrawmu l-innovazzjoni soċjali.

Emenda

L-Istati Membri, ***f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali***, għandhom ***jindirizzaw b'mod effikaċi u fil-pront il-kwistjoni serja tal-qgħad, u jiffaċilitaw u jinvestu fil-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli u ta' kwalità, jindirizzaw l-aċċessibbiltà għall-gruppi li qegħdin f'riskju u jnaqqsu l-ostakli lin-negozji biex iħaddmu persuni fil-livelli kollha tal-ħiliet u fis-setturi kollha tas-suq tax-xogħol, inkluż billi jnaqqsu l-burokrazija, filwaqt li jirrispettaw l-istandards soċjali u tax-xogħol***, jippromwovu l-intraprenditorija ***fost iż-żgħażaġh***, u b'mod partikolari

jappoġġjaw il-ħolqien u t-tkabbir ta' intrapriżi **mikro**, żgħar **u medji** ħalli tiżdied ir-rata tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jippromwovu b'mod attiv, **fost l-oħrajn, l-impjiegi ekoloġiċi, l-impjiegi fis-settur tas-saħħa u fis-settur marittimu kif ukoll** l-ekonomija soċjali, u jrawmu l-innovazzjoni soċjali.

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-ħaddiema għandu jonqsilhom il-piż tat-taxxa u minflok dan għandhom jerfġuh sorsi oħrajn ta' tassazzjoni li jagħmlu inqas ħsara lill-impjiegi u lit-tkabbir filwaqt li għandu jitħares id-dħul għal protezzjoni soċjali adegwata u l-infiq **li jsaħħaħ it-tkabbir**. It-tnaqqis fit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għandu jkun immirat lejn komponenti rilevanti tal-piż tat-taxxa u għandu jsir bil-ħsieb li jonqsu l-ostakli u d-dizincitivi għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għall-aktar persuni mbiegħda mis-suq tax-xogħol.

Emenda

Il-ħaddiema għandu jonqsilhom il-piż tat-taxxa u minflok dan għandhom jerfġuh sorsi oħrajn ta' tassazzjoni li jagħmlu inqas ħsara lill-impjiegi u lit-tkabbir filwaqt li għandu jitħares id-dħul għal protezzjoni soċjali adegwata u l-infiq **immirat lejn l-investment pubbliku, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi**. It-tnaqqis fit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għandu jkun immirat lejn komponenti rilevanti tal-piż tat-taxxa u għandu jsir bil-ħsieb li **tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni u** jonqsu l-ostakli u d-dizincitivi għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari **għall-persuni b'diżabilità u għall-aktar persuni mbiegħda mis-suq tax-xogħol, filwaqt li jiġu rispettati l-istandards eżistenti tax-xogħol**.

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Mas-sħab soċjali, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu mekkaniżmi tal-

Emenda

Politiki li jiżguraw li l-pagi jippermettu introjtu adegwat li jiggerantixxi l-

iffissar tal-pagi ħalli l-pagi jkunu jistgħu jwiegħbu għall-iżviluppi fil-produttività. Għalhekk għandhom jitqiesu d-differenzi fil-ħiliet u l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol lokali **kif ukoll id-diverġenzi fil-prestazzjoni ekonomika bejn ir-reġjuni, is-setturi u l-kumpaniji**. Meta jiġu biex jiffissaw il-pagi minimi, l-Istati Membri u s-sħab soċjali għandhom iqisu l-impatt li dawn iħallu fuq il-faqar fost dawk li jaħdmu, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività.

għajxien jibqgħu importanti għall-ħolqien tal-impjiegi u għat-tnaqqis tal-faqar fl-Unjoni. Flimkien mas-sħab soċjali, l-Istati Membri għandhom **għalhekk jirrispettaw u** jinkoraġġixxu mekkaniżmi tal-iffissar tal-pagi ħalli l-pagi **reali** jkunu jistgħu jwiegħbu għall-iżviluppi fil-produttività **u jgħinu jikkoreġu diverġenzi tal-passat mingħajr ma jinkoraġġixxu pressjoni deflazjonarja. Dawk il-mekkaniżmi għandhom jiżguraw riżorsi suffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi, filwaqt li jitqiesu l-indikaturi tal-faqar speċifiċi għal kull Stat Membru**. Għalhekk għandhom jitqiesu d-differenzi fil-ħiliet u l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol lokali **bil-għan li jiġu żgurati pagi għal għajxien deċenti madwar l-Unjoni**. Meta jiġu biex jiffissaw il-pagi minimi **f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-prattiki nazzjonali**, l-Istati Membri u s-sħab soċjali għandhom **jiżguraw l-adeqwatezza tagħhom kif ukoll** iqisu l-impatt li dawn iħallu fuq il-faqar fost dawk li jaħdmu, **l-introjt tal-familja, id-domanda aggregata**, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività.

Emenda 21

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom inaqqsu l-burokrazija sabiex itaffu l-piż fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, billi dawn jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-ħolqien tal-impjiegi.

Emenda 22

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 1**

L-Istati Membri għandhom jippromwovu ***l-produttività u l-impjegabbiltà*** permezz ta' provvista adegwata ta' għarfien u ħiliet rilevanti. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ***l-investimenti meħtieġa*** fis-sistemi ***tal-edukazzjoni u t-taħriġ*** vokazzjonali u għandhom itejbu l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom ħalli ***jiżdied il-livell*** tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, u b'hekk din tkun tista' tantiċipa aħjar u tissodisfa l-ħtiġijiet tant flessibbli tas-swieq tax-xogħol dinamiċi f'ekonomija li qed issir dejjem aktar diġitali. ***L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-aċċess għal taħlim ta' kwalità fost l-adulti kollha u jimplimentaw strateġiji għal xjuħija attiva ħalli tiżdied il-ħajja tax-xogħol.***

Emenda 23

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

Emenda

L-Istati Membri għandhom jippromwovu produttività ***sostenibbli*** u impjegabbiltà ***ta' kwalità*** permezz ta' provvista adegwata ta' għarfien u ħiliet rilevanti, ***magħmula aċċessibbli u disponibbli għal kulħadd.*** ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u s-servizzi tat-trasport li qed jiffaċċjaw jew se jiffaċċjaw nuqqas ta' persunal fit-terminu medju.*** L-Istati Membri għandhom jagħmlu ***investimenti effikaċi f'edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità għolja minn età bikrija u fis-sistemi tat-taħriġ*** vokazzjonali u għandhom itejbu l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom ħalli ***jiżdiedu l-kompetenzi u l-livell*** tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, ***filwaqt li tiżdied id-diversità tal-ħiliet,*** u b'hekk din tkun tista' tantiċipa aħjar u tissodisfa l-ħtiġijiet tant flessibbli tas-swieq tax-xogħol dinamiċi f'ekonomija li qed issir dejjem aktar diġitali. ***Għal dan il-għan, għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li "ħiliet mhux tekniċi" bħall-komunikazzjoni qed isiru dejjem aktar importanti għal għadd kbir ta' impjegati.***

L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh billi, fost l-oħrajn, jintroduċu korsijiet volontarji dwar l-intraprenditorija u jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' intrapriżi tal-istudenti fl-iskejjel sekondarji u fil-kulleġġi. L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex ma jħallux liż-żgħażaġh jitolqu mill-iskola

u biex jiżguraw tranżizzjoni bla intoppi mill-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħajja professjonali, biex jitjieb l-aċċess u jitneħħew l-ostakoli għal taqlim ta' kwalità għolja għall-adulti kollha b'enfasi partikolari fuq gruppi b'riskju għoli u l-ħtiġijiet taqlhom, billi joffru taqlim mill-ġdid ta' hilieta meta t-telf ta' impjegi u t-tibdil fis-suq tax-xogħol ikunu jeħtieġu riintegrazzjoni attiva. Fl-istess ħin l-Istati Membri għandhom jimplimentaw strateġiji għal tixjiħ attiv biex jippermettu ħajja tax-xogħol b'saħħitha sal-età reali tal-irtirar.

Emenda 24

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Filwaqt li jiżguraw il-livell ta' hilieta meħtieġ minn suq tax-xogħol li kontinwament qed jinbidel u jappoġġjaw l-edukazzjoni u t-taħriġ flimkien ma' programmi ta' edukazzjoni tul il-ħajja, l-Istati Membri għandhom iżommu f'moħħhom li l-impjegi li jeħtieġu ftit kwalifiki huma meħtieġa wkoll u li l-opportunitajiet ta' impjeg huma aħjar għal dawk li għandhom ħafna kwalifiki milli għal dawk li għandhom kwalifiki medji jew baxxi.

Emenda 25

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 1c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-aċċess għal servizzi ta' edukazzjoni u kura għall-but ta' kulħadd u ta' kwalità għolja fil-bidu tat-tfulija għandu jkun prijorità għall-politiki komprensivi u l-

investment flimkien mal-appoġġ għall-familja u l-ġenituri u miżuri ta' rikonċiljazzjoni li jgħinu lill-ġenituri jibbilanċjaw il-ħajja tax-xogħol ma' tal-familja, bħala kontribut għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola u għaż-żieda fl-opportunitajiet għaż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol.

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

*Għandhom jiġu indirizzati l-livelli għoljin tal-qgħad filwaqt li jkun evitat il-qgħad fit-tul. Permezz ta' strateġiji komprensivi u li jsaħħu lil xulxin **għandu jonqos** l-għadd ta' persuni qiegħda għal żmien twil, billi fost l-oħrajn jingħata appoġġ attiv **speċifiku** lil dawn il-persuni biex jerġgħu lura fis-suq tax-xogħol. Anke l-qgħad fost iż-żgħażaġh għandu jiġi indirizzat b'mod komprensiv billi **l-istituzzjonijiet** rilevanti jingħataw il-mezzi meħtieġa ħalli l-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni nazzjonali tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tagħhom jimplimentawhom għalkollox u b'mod konsistenti.*

Emenda

*Il-kwistjoni tal-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fit-tul u l-qgħad reġjonali għoli, għandha tiġi solvuta b'mod effikaċi u f'waqtu, kif ukoll evitata permezz ta' **taħlita ta' miżuri min-naħa tad-domanda u min-naħa tal-provvista**. Permezz ta' strateġiji komprensivi u li jsaħħu lil xulxin **għandhom jiġu indirizzati** l-għadd ta' persuni qiegħda għal żmien twil **u l-problema ta' nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u ta' ħiliet skaduti**, billi fost l-oħrajn jingħata appoġġ attiv **personalizzat u bbażat fuq il-ħtiġijiet u jiġu pprovduti skemi ta' protezzjoni soċjali xierqa** lil dawn il-persuni biex jerġgħu lura fis-suq tax-xogħol **b'mod infurmat u responsabbli**. Anke l-qgħad fost iż-żgħażaġh għandu jiġi indirizzat b'mod komprensiv **permezz ta' strateġija globali għall-impjeg taż-żgħażaġh. Din tinkludi investment fis-setturi li jistgħu joħlqu impjegi ta' kwalità għaż-żgħażaġh u** billi l-atturi rilevanti **bħas-servizzi ta' appoġġ għaż-żgħażaġh, il-fornituri tal-educazzjoni u t-taħriġ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u s-servizzi pubbliċi tal-impjegi** jingħataw il-mezzi meħtieġa ħalli l-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni nazzjonali tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tagħhom*

jimplimentawhom għalkollox u b'mod konsistenti, *iżda wkoll bl-użu rapidu tar-riżorsi min-naħa tal-Istati Membri. L-aċċess għall-finanzjament għal dawk li jagħżlu li jibdew negozju għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' disponibbiltà usa' ta' informazzjoni, tnaqqis ta' burokrazija eċċessiva u l-possibbiltà li l-benefiċċji tal-qgħad ta' diversi xhur jiġu konvertiti f'għotja inizjali bil-quddiem wara l-preżentazzjoni ta' pjan ta' negozju u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.*

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki kontra l-qgħad l-Istati Membri għandhom iqisu l-inugwaljanzi lokali u reġjonali u jikkooperaw mas-servizzi pubbliċi lokali tal-impjiegi.

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandhom jiġu indirizzati d-dgħufijiet strutturali fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ ħalli jkunu żgurati riżultati ***tat-tagħlim*** ta' kwalità filwaqt di jkun evitat u jingħeleb it-tluq bikri mill-iskola. L-Istati Membri għandhom itejbu ***r-riżultati*** tas-sistema edukattiva ***u jikkunsidraw sistemi*** ta' tagħlim doppju ***u t-titjib*** tat-taħriġ professjonali, ***u fl-istess waqt iżidu l-opportunitajiet biex il-ħiliet miksuba jiġu rikonossuti 'l barra mis-sistema tal-***

Għandhom jiġu indirizzati d-dgħufijiet strutturali fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ ħalli jkunu żgurati riżultati ***fit-tagħlim*** ta' kwalità filwaqt li jkun evitat u jingħeleb it-tluq bikri mill-iskola, ***u ssir promozzjoni favur edukazzjoni komprensiva u ta' kwalità għolja mil-livell l-aktar bażiku tagħha. Dan jeħtieġ sistemi edukattivi flessibbli b'enfasi fuq il-prattika.*** L-Istati Membri, ***f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali,*** għandhom itejbu ***l-kwalità tar-riżultati*** tas-

edukazzjoni formali.

sistema edukattiva **billi jagħmluha aċċessibbli għal kulħadd, jistabbilixxu u jtejbu s-sistemi ta' taġlim doppju, adattati għall-ħtiġijiet taġhom, bit-titjib** tat-taħriġ professjonali **u ta' oqfsa eżistenti bħall-Europass, filwaqt li jiżguraw, fejn ikun hemm bżonn, taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet u rikonoxximent tal-ħiliet miksuba barra s-sistema edukattiva formali. Ir-rabtiet bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol għandhom jissaħħu, filwaqt li jiġi żgurat li l-edukazzjoni tkun wiesgħa biżżejjed biex tipprovi lin-nies b'bażi solida għall-impjegabbiltà tul il-ħajja.**

Emenda 29

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw aħjar is-sistemi tat-taħriġ taġhom mas-suq tax-xogħol sabiex itejbu t-tranżizzjoni bejn it-taħriġ u d-dinja tax-xogħol. L-impjegati ekoloġiċi u s-settur tal-kura tas-saħħa huma partikolarment essenzjali fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni u f'termini ta' teknoloġiji ġodda.

Emenda 30

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandhom jonqsu l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol l-aktar **għan-nisa**, l-anzjani, iż-żgħażaġħ, il-persuni **b'diżabbiltà** u l-migranti legali. Fis-suq tax-xogħol għandhom ikunu żgurati l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż b'paga ugwali, u l-aċċess għal servizzi ta'

Jeħtieġ tonqos aktar id-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol **kif ukoll fir-rigward tal-aċċess għas-suq tax-xogħol**, l-aktar **għall-gruppi li jiffaċċjaw diskriminazzjoni jew esklużjoni, bħan-nisa**, l-anzjani, iż-żgħażaġħ, il-persuni **b'diżabbiltà** u l-migranti legali. Fis-suq tax-xogħol

edukazzjoni u kura ta' kwalità fil-bidu tat-tfulija.

għandhom ikunu żgurati l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż b'paga ugwali, u l-aċċess għal servizzi ta' edukazzjoni u kura ta' kwalità **u għall-but ta' kulħadd** fil-bidu tat-tfulija **kif ukoll il-flessibilità meħtieġa biex tiġi evitata l-esklużjoni ta' dawk b'waqfiet fil-karriera tagħhom minħabba responsabbiltajiet familjari bħal dawk li jieħdu ħsieb il-familja. Għalhekk, id-Direttiva dwar in-Nisa fil-Bordijiet u d-Direttiva dwar il-Liv tal-Maternità għandhom jiġu żblukkati mill-Istati Membri.**

Emenda 31

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom iqisu l-fatt li r-rati ta' żgħażaġh li huma barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEET) huma ogħla għan-nisa milli għall-irġiel u li l-fenomeni tan-NEET jeżisti primarjament minħabba żieda fil-qgħad fost iż-żgħażaġh iżda wkoll minħabba inattività mhux marbuta mal-edukazzjoni.

Emenda 32

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 6 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom **jużaw il-Fond Soċjali Ewropew** u fondi oħrajn ta' appoġġ li għandha l-Unjoni biex **itejbu** l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni **u** l-amministrazzjoni pubblika.

L-Istati Membri għandhom **jagħmlu użu sħiħ, effikaċi u effiċjenti mill-Fond Soċjali Ewropew** u fondi oħrajn ta' appoġġ li għandha l-Unjoni biex **jiġġieldu l-faqar u jtejbu** l-impjiegi **ta' kwalità**, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni, l-amministrazzjoni pubblika **u s-servizzi pubbliċi. Il-Fond**

Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u l-pjattaformi ta' investiment tiegħu għandhom ikunu wkoll mobilizzati sabiex jiġi żgurat li jinħolqu impjiegi ta' kwalità u li l-ħaddiema jingħataw il-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-Unjoni lejn mudell ta' tkabbir sostenibbli.

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom inaqqsu s-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol. Għandhom isiru regoli li jħarsu x-xogħol u l-istituzzjonijiet ħalli jinħoloq ambjent xieraq għar-reklutaġġ filwaqt li dawn ikunu joffru livelli xierqa ta' protezzjoni lil min jaħdem u lil min qed ifittex jew jaħdem b'kuntratt temporanju jew b'kuntratt tax-xogħol indipendenti. Għandhom ikunu żgurati impjiegi ta' kwalità, u dan mil-lat sigurtà soċjoekonomika, **opportunitajiet ta'** edukazzjoni u taħriġ, **kundizzjonijiet tax-xogħol (inkluża s-saħħa u s-sikurezza)** u **bilanċ** bejn ix-xogħol u l-ħajja.

Emenda

L-Istati Membri għandhom inaqqsu s-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol **billi jindirizzaw l-impjiegi prekarji, is-sottoimpjeg, ix-xogħol mhux iddikjarat u l-kuntratti li ma jispeċifikawx il-ħinijiet tax-xogħol**. Għandhom isiru regoli li jħarsu x-xogħol u l-istituzzjonijiet ħalli jinħoloq ambjent xieraq għar-reklutaġġ filwaqt li dawn ikunu joffru livelli xierqa ta' protezzjoni lil min jaħdem u lil min qed ifittex jew jaħdem b'kuntratt temporanju, **part-time jew atipiku** jew b'kuntratt tax-xogħol indipendenti, **billi jinvolvu b'mod attiv lill-partijiet soċjali u jippromwovu n-negożjar kollettiv**. Għandhom ikunu żgurati impjiegi ta' kwalità **għal kulħadd**, u dan mil-lat **ta'** sigurtà soċjoekonomika, **durabbiltà, salarji adegwati, drittijiet fuq ix-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti (inkluż mill-perspettiva tas-saħħa u s-sikurezza), il-protezzjoni tas-sigurtà soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi**, edukazzjoni u **opportunitajiet ta'** taħriġ. **Għalhekk hemm bżonn li ssir promozzjoni għad-dħul taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, ir-riintegrazzjoni ta' persuni qiegħda għal żmien twil u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, bil-forniment ta' kura bi prezz raġonevoli u bl-immodernizzar tal-organizzazzjoni tax-xogħol. Għandha ssir promozzjoni favur il-konverġenza 'l fuq**

fil-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Unjoni kollha.

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-aċċess għas-suq tax-xogħol għandu jiffaċilita l-intraprenditorija, il-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli fis-setturi kollha, inklużi l-impjiegi ekoloġiċi, u l-kura soċjali u l-innovazzjoni, sabiex isir l-aħjar użu mill-ħiliet tal-persuni, jitrawwem l-iżvilupp tul il-ħajja tagħhom u tithegġegħ l-innovazzjoni mmexxija mill-impjegati.

Emenda 35

Proposta għal deċiżjoni
Anness – Linja gwida 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Filwaqt li jibqgħu konformi mal-prattiki nazzjonali, meta jkunu qed ifasslu u jwettqu riformi u politiki rilevanti, l-Istati Membri għandhom jinvolvu mill-qrib lill-parlamenti nazzjonali u lis-sħab soċjali, u għandhom jappoġġaw it-titjib tal-funzjonament u *l-effettività* tad-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali.

Filwaqt li jibqgħu konformi *mal-prinċipju ta' sħubija u* mal-prattiki nazzjonali, meta jkunu qed ifasslu u jwettqu riformi u politiki rilevanti, l-Istati Membri għandhom jinvolvu mill-qrib lill-parlamenti nazzjonali, lis-sħab soċjali, *lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali*, u għandhom jappoġġaw it-titjib tal-funzjonament u *l-effikaċja* tad-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali, *b'mod speċjali f'dawk il-pajjiżi bl-ikbar problemi ta' devalwazzjoni tal-pagi minħabba d-deregolamentazzjoni reċenti tas-swieq tax-xogħol u d-dgħufija tan-negozjar kollettiv.*

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom **isaħħu l-politiki** attivi tas-suq tax-xogħol billi **jagħmluhom aktar immirati**, jilhqqu **aktar 'il** bogħod, aktar mifruxin, u **jinteraġixxu aktar** ma' miżuri **passivi**. Billi jipprovdu servizzi pubbliċi tal-impjiegi li jagħtu appoġġ individwalizzat u billi jinħolqu sistemi li jkejlu l-prestazzjoni, dawn il-politiki għandhom jimmiraw li jtejbu **t-tqabbil fis-suq** tax-xogħol u jgħinu għal tranżizzjonijiet sostenibbli fis-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li b'mod effettiv, is-sistemi tal-protezzjoni soċjali tagħhom jattivaw u jagħmluha possibbli biex kull min jista', jieħu sehem fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jipproteġu lil dawk li (temporanjament) huma esklużi mis-swieq tax-xogħol u/jew ma jistgħux jieħdu sehem fihom, u jħejju lill-individwi għal riskji potenzjali, billi jinvestu fil-kapital uman. L-Istati Membri għandhom jippromwovu swieq tax-xogħol inklużivi miftuħa għal kulħadd u jistabbilixxu miżuri **effettivi** kontra d-diskriminazzjoni.

Emenda

L-Istati Membri għandhom **jiżguraw standards ta' kwalità bażiċi għall-politiki** attivi tas-suq tax-xogħol billi **jtejbu l-livell ta' kemm ikunu mmirati**, kemm jilhqqu 'l bogħod, **kemm ikunu** mifruxin, u **kemm jinteraġixxu** ma' miżuri **ta' appoġġ bħas-sigurtà soċjali**. Billi jipprovdu servizzi pubbliċi tal-impjiegi **kwalifikati ħafna** li jagħtu appoġġ individwalizzat u billi jinħolqu sistemi li jkejlu l-prestazzjoni, dawn il-politiki għandhom jimmiraw li jtejbu **l-aċċess għas-suq** tax-xogħol, **isaħħu n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali** u jgħinu għal tranżizzjonijiet sostenibbli fis-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li b'mod effettiv, is-sistemi tal-protezzjoni soċjali tagħhom jattivaw u jagħmluha possibbli biex kull min jista', jieħu sehem fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jipproteġu lil dawk li (temporanjament) huma esklużi mis-swieq tax-xogħol u/jew ma jistgħux jieħdu sehem fihom, u jħejju lill-individwi għal riskji potenzjali **u kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali varjabbli**, billi jinvestu fil-kapital uman. **L-Istati Membri għandhom jintroduċu, bħala waħda mill-miżuri possibbli biex biha jitnaqqas il-faqar u f'konformità mal-prattika nazżjonali, introjtu minimu proporzjonali għas-sitwazzjoni soċjoekonomika speċifika tagħhom.** L-Istati Membri għandhom jippromwovu swieq tax-xogħol inklużivi miftuħa għal kulħadd u jistabbilixxu miżuri **effikaċi** kontra d-diskriminazzjoni.

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Linja gwida 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Għandha tkun żgurata ***l-mobbiltà*** tal-ħaddiema ħalli jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ***ta' suq*** tax-xogħol Ewropew, u fost l-oħrajn dan jista' jsir billi jissaħħu t-trasferibbiltà tal-pensjonijiet u r-rikonossiment tal-kwalifiki. Fl-istess waqt, l-Istati Membri għandhom ***jilqgħu għall-abbuż tar-regoli eżistenti***.

Emenda

Għandha tkun żgurata ***l-mobbiltà*** tal-ħaddiema ***bħala dritt fundamentali u kwistjoni ta' għażla ħielsa*** ħalli jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ***tas-suq*** tax-xogħol Ewropew, u fost l-oħrajn dan jista' jsir billi jissaħħu t-trasferibbiltà tal-pensjonijiet u r-rikonossiment ***effettiv*** tal-kwalifiki ***u l-ħiliet u l-eliminazzjoni tal-burokrazija u ta' ostakli eżistenti oħrajn***. Fl-istess waqt, l-Istati Membri għandhom ***jegħlbu l-ostakli tal-lingwa, u b'hekk itejbu s-sistemi ta' taħriġ f'dan il-qasam***. ***L-Istati Membri għandhom ukoll jagħmlu użu adatt min-netwerk tal-EURES sabiex jinkoraġġixxu l-mobbiltà tal-ħaddiema. Għandu jiġi promoss l-investment fir-reġjuni li qed jesperjenzaw flussi ta' ħruġ ta' xogħol għall-mitigazzjoni tal-eżodu ta' mħuħ u biex il-ħaddiema mobbli jithegġgu jerġgħu lura***.

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 7a (ġdida) – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Intejbu l-kwalità u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ fil-livelli kollha

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jagħmlu prijorità l-aċċess għas-servizzi ta' kura u

edukazzjoni ta' kwalità għall-but ta' kulħadd sa mill-bidu tat-tfulija, minħabba li t-tnejn huma miżuri ta' appoġġ importanti għall-atturi tas-suq tax-xogħol u jikkontribwixxu għaż-żieda fir-rata tal-impjiegi globali filwaqt li jappoġġjaw l-individwi fir-responsabbiltajiet tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu politiki komprensivi u investimenti meħtieġa biex jitjieb l-appoġġ għall-familja u l-ġenituri u miżuri ta' rikonċiljazzjoni li jgħinu lill-ġenituri jsibu bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja, bħala kontribut għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola u għaż-żieda fl-opportunitajiet taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol.

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Niżguraw *l-imparzjalità*, nitħabtu kontra l-faqar u nippromwovu l-opportunitajiet indaqs

Emenda

Niżguraw *il-ġustizzja soċjali*, nitħabtu kontra l-faqar u nippromwovu l-opportunitajiet indaqs

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom *jimmodernizzaw is-sistemi* tal-protezzjoni soċjali tagħhom ħalli jagħtu protezzjoni *effettiva*, effiċjenti *u* adegwata f'kull *skaluna* tal-ħajja taċ-ċittadini, filwaqt li *jkunu* jiżguraw *il-ġustizzja* u jindirizzaw l-inugwaljanzi. Hemm bżonn politiki soċjali simplifikati *u* aktar immirati *li jkunu kumplimentati b'kura* tat-tfal u

Emenda

L-Istati Membri, *f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali*, għandhom *itejbu s-sistemi* tal-protezzjoni soċjali tagħhom *billi jiżguraw standards bażiċi* ħalli jagħtu protezzjoni *effikaċi*, effiċjenti u *sostenibbli* f'kull *stadju* tal-ħajja taċ-ċittadini, filwaqt li jiżguraw *ħajja dinjituża, solidarjetà, aċċess għall-protezzjoni soċjali, rispett sħiħ tad-*

edukazzjoni ta' kwalità għall-but ta' kulħadd, taħriġ u għajjnuna fl-impjiegi, appoġġ għall-akkomodazzjoni u kura tas-saħħa **aċċessibbli, hemm bżonn** aċċess għal servizzi bażiċi bħal **kont bankarju u internet** u azzjoni biex ikun evitat it-tluq bikri mill-iskola u **tingħeleb** l-esklużjoni soċjali.

drittijiet soċjali, ġustizzja u jindirizzaw l-inugwaljanzi **kif ukoll jiżguraw l-inklużjoni sabiex jeliminaw il-faqar, b'mod partikolari għall-persuni li huma esklużi mis-suq tax-xogħol u għall-gruppi aktar vulnerabbli.** Hemm bżonn politiki soċjali simplifikati, aktar immirati **u aktar ambizzjużi, inkluż permezz ta' kura** tat-tfal u edukazzjoni ta' kwalità għall-but ta' kulħadd, taħriġ **effikaċi** u għajjnuna fl-impjiegi, appoġġ għall-akkomodazzjoni u kura tas-saħħa **ta' kwalità għolja** aċċessibbli **għal kulħadd**, aċċess għal servizzi bażiċi bħal **kontijiet bankarji u l-internet** u azzjoni biex ikun evitat it-tluq bikri mill-iskola u **jingħelbu l-faqar estrem**, l-esklużjoni soċjali **u, b'mod aktar ġenerali, kull forma ta' faqar. B'mod partikolari għandu jiġi indirizzat b'mod deċiżiv il-faqar fost it-tfal.**

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għal dak il-għan għandhom jintużaw bosta strumenti varji iżda b'mod komplementari, fosthom servizzi ta' għajjnuna u attivazzjoni tax-xogħol u appoġġ **għad-dħul** li jkunu maħsuba skont il-ħtiġijiet individwali. Is-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandhom jitfasslu b'tali mod li kull persuna **intitolata għalihom** issibha faċli tużahom, b'tali mod li jkunu jappoġġjaw l-investment fil-kapital uman, u jkunu jgħinu biex ikun evitat il-faqar, biex dan jonqos u biex iċ-ċittadini jitħarsu minnu.

Emenda

Għal dak il-għan għandhom jintużaw bosta strumenti varji iżda b'mod komplementari, fosthom servizzi ta' għajjnuna u attivazzjoni tax-xogħol u appoġġ **għall-introjtu** li jkunu maħsuba skont il-ħtiġijiet individwali. **F'dan ir-rigward, hija kompetenza ta' kull Stat Membru li jiffissa livelli ta' introjtu minimu f'konformità mal-prattika nazjonali u b'mod proporzjonali mas-sitwazzjoni soċjoekonomika speċifika fl-Istat Membru partikolari.** Is-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandhom jitfasslu b'tali mod li kull persuna, **mingħajr ebda diskriminazzjoni**, issibha faċli **biex tikseb aċċess għalihom u** tużahom, b'tali mod li jkunu jappoġġjaw l-investment fil-kapital uman, u jkunu jgħinu biex ikun evitat il-

faqar, biex dan jonqos u biex iċ-ċittadini jitħarsu minnu *u mill-esklużjoni soċjali kif ukoll minn riskji oħrajn bħal tnaqqis fis-saħħa jew telf ta' impjieg. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq it-tfal li jgħixu fil-faqar minħabba l-qgħad fit-tal-ġenituri tagħhom.*

Emenda 43

Proposta għal deċiżjoni Anness – Linja gwida 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Għandha ssir riforma fis-sistemi tal-pensjonijiet ħalli jkunu żgurati s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħhom għan-nisa u għall-irġiel fil-kuntest taż-żieda fil-lonġevità u tal-bidla demografika, fosthom billi jintrabtu l-etajiet statutorja tal-irtirar mal-istennija tal-għomor, billi jiżdedu l-etajiet tal-irtirar effettivi, u billi jinħoloq tfaddil tal-irtirar kumplimentari.

Emenda

Is-sistemi tal-pensjonijiet għandhom ikunu strutturati b'mod li s-sostenibbiltà, is-sikurezza u l-adegwatezza tagħhom għan-nisa u l-irġiel tkun iggarantita permezz tat-tisħiħ ta' skemi tal-irtirar li jimmiraw għal introjtu ta' rtirar deċenti li tal-inqas jaqbeż is-soll tal-faqar. Is-sistemi tal-pensjonijiet għandhom jipprevedu l-konsolidazzjoni, l-iżvilupp ulterjuri u t-titjib tat-tliet pilastris tas-sistemi ta' tfaddil għall-irtirar. Il-ħolqien ta' rabta bejn l-età tal-irtirar u l-istennija tal-għomor mhijiex l-uniku strument li permezz tiegħu tista' tiġi indirizzata l-isfida tat-tixjiħ. Ir-riformi tas-sistemi tal-pensjoni għandhom ukoll, fost l-oħrajn, jirriflettu x-xejriet tas-suq tax-xogħol, ir-rata tat-twelid, is-sitwazzjoni demografika, is-sitwazzjoni tas-saħħa u tal-ġid, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-proporzjon ta' dipendenza fuq l-ekonomija. L-aqwa mod biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tixjiħ huwa li tiżded ir-rata ġenerali tal-impjegi, abbażi ta', fost l-oħrajn, investimenti soċjali f'tixjiħ attiv.

Emenda 44

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Linja gwida 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom itejbu l-aċċessibbiltà, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-kura tas-saħħa u s-sistemi tal-kura fit-tul filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà **fiskali**.

Emenda

L-Istati Membri għandhom itejbu ***l-kwalità, l-affordabbiltà***, l-aċċessibbiltà, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-kura tas-saħħa u s-sistemi tal-kura fit-tul ***u s-servizzi soċjali kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fis-setturi relatati***, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà ***finanzjarja ta' dawn is-sistemi bit-titjib tal-finanzjament ibbażat fuq is-solidarjetà konformi mal-ġustizzja soċjali***.

Emenda 45

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Linja gwida 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-Fond Soċjali Ewropew u fondi oħrajn ta' appoġġ li għandha l-Unjoni fil-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, biex itejbu l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità biex jipromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jtejbu l-amministrazzjoni pubblika.

Emenda 46

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Linja Gwida 8 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-objettiv tal-miri ewlenin ta' Ewropa 2020, li abbażi tagħhom l-Istati Membri jstabilixxu l-miri nazzjonali tagħhom, skont il-pożizzjonijiet inizjali u

ċ-ċirkustanzi nazzjonali relattivi tagħhom, huwa li r-rata ta' impjieg għan-nisa u l-irġiel ta' bejn l-20 u l-64 tiżdied għal 75 % sal- 2020; li r-rata ta' tluq bikri mill-iskola titnaqqas għal inqas minn 10 %; li s-sehem ta' dawk ta' bejn it-30 u l-34 sena li jkunu temmew l-edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti jiżdied għal mill-inqas 40 %. u li tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tattnaqqis tal-faqar, bil-għan li mill-inqas 20 miljun persuna jinħarġu mir-riskju ta' faqar u esklużjoni^{1a}.

Il-popolazzjoni hija defnita bħala l-għadd ta' persuni li huma f'riskju ta' faqar u esklużjoni skont tliet indikaturi (f'riskju ta' faqar; privazzjoni materjali; familji mingħajr impjieg), li jħalli lill-Istati Membri liberi li jistabilixxu l-miri nazzjonali tagħhom abbażi tal-indikaturi l-aktar adatti, skont iċ-ċirkustanzi u l-prijoritajiet nazzjonali tagħhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	16.6.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 -: 6 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Laura Agea, Guillaume Balas, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Jane Collins, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Marian Harkin, Danuta Jazłowiecka, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Maria João Rodrigues, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Amjad Bashir, Deirdre Clune, Sergio Gutiérrez Prieto, Csaba Sógor, Neoklis Sylikiotis, Ivo Vajgl
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Josef Weidenholzer, Marco Zanni